MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 416/2004

**Avviz numru 416/04 DM**

**JP Advertising Limited (C5846)**

**Vs**

**I.S. Limited (C26705)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef, disa’ mija u sitta u erbghin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm3,946.16), dovuti lis-socjeta’ attrici mill-konvenuti ghal servizzi rezi mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta in konnessjoni ma’ kampanji pubblicitarji li ghamlet ghalihom is-socjeta’ attrici u ta’ diversi oggetti u merci mibjugha u kkonsenjati lilhom mis-socjeta’ attrici, bl-imghax kummercjali mid-data ta’ fattura relattiva u bl-ispejjez kontra l-konvenuti komprizi dawk tal-mandat ta’

Sekwestru kawtelatorju numru 364/04, tal-Kontromandat numru 451/04, tal-mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju numru 1498/04, tal-mandat ta’ Qbid kawtelatorju numru 1496/04 kollha fl-istess ismijiet premessi, bis-socjeta’ konvenuta ngunta biex tibghat rappresentant taghha ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici, u lanqas ma deheru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda ghalhekk tilqa’ it-talba attrici, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ tlett elef, disa’ mija u sitta u erbghin lira Maltin u sittax il-centezmu (Lm3,946.16) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b’effett mill-4 ta’ Awissu, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------